

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6320/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0011 (NLE)

CORDROGUE 20
SAN 63
RELEX 141

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	5761/1/18 REV 1
Suġġett:	Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-wieħed u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

1. Is-suq għal sustanzi psikoattivi ġodda (SPĠ) inbidel b'mod drastiku fl-aħħar ftit snin u SPĠ qed jitfaċċaw b'rata mingħajr preċedent, u qed joħolqu riskju għas-saħħa u s-sikurezza pubblika. Il-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga jevalwa r-riskju maħluq minn dawn is-sustanzi u għaldaqstant jista' jirrakkomanda li s-sustanzi perikolużi jiġu skedati taħt il-Konvenzjonijiet tan-NU dwar id-Drogi.
2. Fit-8 ta' Diċembru 2017 id-WHO rrakkomandat lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex iżid sustanza ġdida fil-Listi I u IV tal-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, ħames sustanzi ġodda fil-Lista I tal-Konvenzjoni Unika tan-NU u sitt sustanzi ġodda fil-Lista II tal-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.

3. F'dan il-kuntest, fit-12 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-61 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (dok. 5260/18 + ADD1 CORDROGUE 5 SAN 15 RELEX 30).
4. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet analizzata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG) fil-15-16 ta' Jannar 2018 u fit-8-9 ta' Frar 2018. Il-verżjoni riveduta tal-proposta fid-dok. 5761/1/18 REV 1 kienet approvata mill-grupp ta' ħidma permezz ta' proċedura ta' silenzju fis-16 ta' Frar 2018.
5. **Għaldaqstant, il-Kunsill huwa mitlub:**
- **jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-wieħed u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, kif indikat fid-dok. 6084/18 CORDROGUE 17 SAN 55 RELEX 103.**